# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Hamis hamsa (5) ta' Ottubru 2017**

**Rikors Numru 247/15 FDP**

**Bjorn Cassar Simmonds**
**(ID 0349981M)**

**vs**

**Lorraine Fonk**
**(ID 10982M)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fit-19 ta' Awissu 2015 fejn ir-rikorrent talab lill-Qorti tikkundanna lill-intimata thallsu is-somma ta' tmint elef, disgha mija u tnejn u sittin Euro (€8,962) bhala bilanc dovut ghal xiri tal-vettura Renault Megane Coupe kif ukoll, fi zmien qasir u perentorju, kif ukoll tirritornalu l-pet, t-threadmill, BBQ set, ghodda u apparat tal-kcina, spiriti u mbejjed ta' valur u diversi oggetti tal-garage u oggetti tal-karoza fl-istat tajjeb li kienu meta l-intimata tterminat ir-relazzjoni mar-rikorrent, jew inkella thallsu l-valur taghhom, u fin-nuqqas ta' dan tiehu dawk il-passi li jidhrilha xierqa sabiex dina l-ordni tigi minnha esegwita.

Rat ir-risposta ta' l-intimata ppresentata fil 15 ta' Settembru 2015 fejn qalet is-segwenti:

> *1. Illi t-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti stante illi huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi assolutament mhux minnu li r-rikorrenti ghandu jiehu flus u/jew oggetti, jew il-valur taghhom minghand l-eccipjenti u dana kif ser jigi spiegat f' dina r-risposta u wkoll provat fil-mori tal-kawza;*
>
> *2. Illi jigi rilevat il-fatt li l-partijiet kellhom relazzjoni bejniethom, liema relazzjoni giet mitmuma mill-intimata; u t-talbiet tar-rikorrenti lkoll jemergu minn dan il-fatt;*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, il-vettura li jirreferi ghaliha r-rikorrenti (tat-tip Renault Megane Coupe) fl-Avviz tieghu, inxtrat u thallset mill-eccipjenti u ma jezisti l-ebda "bilanc dovut" lir-rikorrenti in konnessjoni mal-istess vettura;*

*4. Illi, dejjem minghajr pregudizzju ghal dak sovra eccepit, l-allegazzjoni sollevata mir-rikorrenti li l-eccipjenti ghandha tirritorna lilu xi pet jew il-valur tieghu, hi wkoll allegazzjoni assolutament falza stante illi l-eccipienti hija s-sid wahdenija tal imsemmi pet (li jidher li qed jaghmel referenza ghalih ir-rikorrenti fl-Avviz tieghu), u dan hekk kif tixhed il-Licence of Ownership bin-numru 781660 (vera kopja ta' liema tinsab mal-prezenti annessa u mmarkata Dok A) kif ukoll ic-certifikat tal-pedigree tal-istess pet (vera kopja ta' liema tinsab mal-prezenti annessa u mmarkata Dok B);*

*5. Illi wkoll minghajr ghal dak kollu sueccepit, jingieb ghall-attenzioni ta' din l-Onor. Qorti l-fatt illi l-azzjoni tar-rikorrenti ma hi xejn ghair tentattiv sabiex huwa jintimida lill-eccipjenti filwaqt li jipprova jakkwista minghandha flus li assolutament mhumhiex dovuti lilu, bi tpattija ghall-fatt li l-eccipjenti kienet temmet ta' inqas minn sentejn li huma kellhom bejniethom;*

*6. Illi marbut mal-paragrafu precedenti, jigi wkoll rilevat illi r-rikorrenti qieghed juza din il-kawza sabiex jipprova jibqa' in kuntatt mal-eccipjenti u mhux ghax verament ghandu xi pretensjoni valida fil-Ligi fil-konfront taghha. Filfatt l-istess rikorrenti b'tentattiv li jibqa' in kuntatt mal-eccipjenti, ricentament u wara li hija kien ilha xhur li temmet ir-relazzjoni taghha minn mieghu, filwaqt li blokjatlu l-linji telefonici kollha biex ma jibqax jikkuntattjaha, huwa kien sahansitra trasferielha somma flus fil-kont bankarju taghha, (li hija trasferiet lura lilu immedjatament) bir-rimarka "will send more next month" (vide Dok C), liema episodju jkompli jikkongerma l-verita' u cioe' l-fatt illi l-azzjoni tar-rikorrenti fil-konfront tal-eccipjenti hija wahda ghal kollox vessatorja. Li kieku r-rikorrenti ghandu jiehu xi flus jew kumpens minghand l-intimata, certament illi ma kienx ser jghaddi dal-pagament filwaqt li jwieghed lill-intimata li ser jibghatilha aktar fondi fix-xahar ta' wara.*

*7. Salv eccezzjonjiet ohra ulterjuri permessi mill-Ligi jekk ikun il-kaz.*

Rat id-dokumentazzjoni esebita mill-intimata.

Semghet ix-xhieda ta' **Bjorn Cassar Simmonds** moghtija fit 23 ta' Novembru 2015 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita waqt ix-xhieda tieghu.

Rat l-affidavit ta' **Godfrey Cassar Simmonds** ippresentat fit 23 ta' Novembru 2015.

Rat l-affidavit ta' **Carmen Cassar Simmonds** ippresentat fit-23 ta' Novembru 2015.

Semghet ix-xhieda ta' **Keith Grima**, rappresentant ta' Ventur Auto Imports Co Ltd, moghtija fid-19 ta' Mejju 2016 u fl-4 ta' Lulju 2016.

Rat illi fl-4 ta' Lulju 2016 ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

Rat l-affidavit ta' **Lorraine Fonk**, ippresentat fis 27 ta' Ottubru 2016.

Semghet ix-xhieda ta' **Karen Cremona**, rappresentant ta' Transport Malta, moghtija fis 26 ta' Jannar 2017.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' Bjorn Cassar Simmonds mogthija fis 26 ta' Jannar 2017.

Semghet ix-xhieda ta' Lorraine Fonk in ezami u kontro ezami moghtija fis 27 ta' Marzu 2017.

Semghet ix-xhieda in ezami u kontro ezami ta' Godfrey Cassar Simmonds mogtija fit 18 ta' Mejju 2017.

Rat illi fit 18 ta' Mejju l-partijiet ddikajraw illi ma kellhomx aktar provi w il-kawza setghet tithalla ghas-sottomissjonijiet finali.

Rat is-sottomissjonijiet tar-rikorrenti ippresentati fid 19 ta' Gunju 2017.

Rat is-sottomissjonijiet ta' l-intimata ippresentati fl-10 ta' Lulju 2017.

Rat illi fl-10 ta' Lulju 2017 il-kawza geit differita ghall 5 ta' Ottubru 2017.

## Ikkunsidrat

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi l-partijiet kellhom relazzjoni bejniethom, liema relazzjoni damet ghaddejja ghal madwar tmintax-il xahar, u eventwalment giet terminate mill-intimata fi Frar 2015.

Jirrizulta illi l-intimata tikkontendi li, ghalkemm r-rikorrent kien f'relazzjoni maghha, hija skopriet illi huwa kien ghadu f'kuntatt ma' l-eks tfajla tieghu illi tghix gewwa l-Ukrajna u li minnu tali eks tfajla tghid li ghandha wild, u saret taf illi kien qieghed jibghatilha l-flus barra, u kien ghalhekk illi hija temmet ir-relazzjoni minn mieghu. (fol 82)

Jirrizulta illi, mill-banda l-ohra, skond ir-rikorrent, ir-relazzjoni ta' bejniethom kienet wahda tajba izda, f'daqqa wahda, waqt illi huwa kien imsiefer, hija ddeciediet illi tittermina r-relazzjoni f'daqqa wahda.

Jirrizulta illi l-partijiet kienu ghal xi zmien jghixu flimkien u r-rikorrent jikkontendi illi, meta spiccat r-relazzjoni, huwa halla warajh varji oggetti, fosthom threadmill, BBQ, Aquarium, xorb u ghodda fil-garage.

Jirrizulta illi, tul ir-relazzjoni, il-partijiet xtraw kelb tal-ghamla King Charles Spaniel u dana baqa' ghand l-intimata kif intemmet ir-relazzjoni.

Jirrizulta, finalment, illi tul ir-relazzjoni, ir-rikorrent kellu Mercedes, illi kien wiret minghand zijuh, liema Merceds huwa kien ghadda lill-intimata, liema vettura l-intimata eventwalment partet ma' vettura ohra illi hija xtrat minn barra minn Malta bl-ghajnuna tar-rikorrent.

## Ikkunsidrat

Jirrizulta illi, fir-rikors promotur tieghu, ir-rikorrent qieghed jitlob illi jithallas il-valur ta' €8,962, li huwa l-bilanc tal-valur tal-vettura Renault Megane Coupe li l-intimata kienet xtrat, fejn kienet partet il-vettura illi r-rikorrenti kien ghaddhielha.

Jirrizulta, di fatti, illi r-rikorrent jghid li l-vettura kienet tiswa bejn tmint elef u disat elef Euro u, la darba huwa kien taha il-vettura sabiex tuzaha hi, issa li spiccat ir-relazzjoni taghhom, hija kellha troddlu lura l-bilanc tal-valur tal-vettura li xtrat l-intimata, ossija Renault Megane Coupe, wara li tnaqqas is-somma ta' tmint elef, mija u hamsin illi kienet hallset personalment l-intimata ghal vettura.

L-intimata, da parte taghha, tikkontendi illi, xi dealers kienu stmaw il-Mercedes li r-rikorrent kien ser jaghti lill-intimata, ghal madwar hamest elef u hames mitt Euro, u ghalhekk il-partijiet kienu ftehmu illi hija tghaddi lir-rikorrent is-somma ta' elf u hames mitt Euro f'kontanti filwaqt illi l-kumplament kellu jithallsu lir-rikorrent billi l-intimata thallas ghas-sehem tar-rikorrenti ta' varji mawriet illi flimkien kienu ser jaghmlu flimkien barra minn Malta, li jinkludu cruise, mawra Venezia u mawra Londra.

L-intimata tikkontendi wkoll illi l-ftehim tant kien hekk illi r-rikorrenti ipproceda biex jimla t-*transfer form* tal-vettura Mercedes minn fuqu ghal fuqha u fl-istess formula hemm indikat illi il-vettura thallset cash.

Jirrizulta, mill-provi, illi r-rikorrenti ippresenta kopja tac-Certifikat tar-Registrazzjoni tal-vettura fejn, fil-paragrafu intitolat "*Trasferiment bejn iz-zewgt partijiet imhallas*", la hemm **Hlas (cash)** immarkat u lanqas ma hemm **Akkwist bin-nifs (Hire Purchase)** immarkat. (vide fol 26)

Jirrizulta, mill-banda l-ohra, illi meta xehdet ir-rappresentant tat-Transport Malta fis-26 ta' Jannar 2017, gie ezebit Certifikat tar-Registrazzjoni tal-vettura MAI 948, fejn gie immarkat, fil-paragrafu intitolat "*Trasferiment bejn iz-zewgt partijiet imhallas*", illi dana sar bi **Hlas (cash)**. (fol 93)

Stante illi dana l-ahhar certifikat gie ippresentat minn awtorita' pubblika illi hija ghal kollox estraneja mill-glied li ghandhom bejniethom il-partijiet, il-Qorti ma ghandha ebda raguni ghalxiex tiddubita illi c-certifikat esebit mill-Awtorita' huwa attwalment dak korrett u ghalhekk tqies illi dina hija prova sufficjenti biex turi li attwalment il-vettura kienet thallset b'cash.

Jirrizulta ghalhekk illi l-verzjoni ta' l-intimata hija aktar kredibbli u korroborata minn dik moghtija mir-rikorrent, u dana fejn jikkoncerna l-vettura w il-valur illi taghha ir-rikorrent kien qieghed jitlob ir-rifuzjoni.

## Ikkunsidrat

Jirrizulta illi talba ohra illi qieghed jaghmel ir-rikorrent hija illi l-intimata tirritorna lura l-kelb illi, skond ir-rikorrent, huma kienu xtraw flimkien.

Jirrizulta, mill-provi, illi l-intimata esebiet ricevuta fejn turi illi, permezz ta' zewgt pagamenti, ossija wiehed ta' mitejn Euro bhala depositu, u iehor ta' tlett mija u hamsin euro bhala bilanc, hija kienet xtrat il-kelb tal-ghamla Cavalier King Charles fl-1 ta' Lulju 2014. (fol 87)

Jirrizulta wkoll illi l-intimata hija fil-pussess ta' certifikat mahrug mill-Malta Kennel Club fejn il-kelb huwa registrat f'isem l-intimata Lorraine Fonk.

Ghalhekk, ghalkemm omm ir-rikorrent qalet fl-affidavit taghha li "*Bjorn u l-kelb kienu mgienen ghal xulxin*", jirrizulta illi l-kelb huwa propjeta esklussiva ta' l-intimata u ghalhekk ir-rikorrent ma ghandu ebda jedd ghalih.

## Ikkunsidrat

Jirrizulta, finalment, illi ir-rikorrent talab ukoll sabiex l-intimata tirritornalu "*t-threadmill, BBQ set, ghodda w apparat tal-kcina, spiriti u mbejjed ta' valur u diversi ghodda tal-garage u oggetti tal-karozza*" filwaqt illi indika wkoll illi, f'kaz li l-intimata tonqos milli tirritornahom, hija troddlu lura l-valur taghhom.

Jirrizulta, fix-xhieda tieghu, illi r-rikorrent jikkontendi illi xtara it-threadmill ghall elf u erbgha mitt euro filwaqt illi xtara il-BBQ ghal mitejn u hamsin Euro.

Jirrizulta, madanakollu, illi r-rikorrent ippresenta biss 'Sales Order' tat-threadmill (fol 30), fejn juri illi, ghalkemm dana it-threadmill kien jiswa elf tmien mija u disgha u disghin Euro (€1,899), attwalment jidher illi kien hemm bilanc ta' elf tlett mija u disgha u disghin Euro (€1,399), liema somma taqbel mal-ammont illi jsemmi ir-rikorrent fix-xhieda tieghu (fol 19).

Jirrizulta wkoll illi dana it-threadmill baqa' ghand l-intimata u, filwaqt li l-intimata ma ghamlet ebda accenn tul ix-xhieda kollha taghha, ghal tali threadmill, ma tressqet ebda prova li tikkontradici dan illi kien qieghed jghid ir-rikorrenti, ossija illi dana baqa' fil-pussess taghha.

Jirrizulta, mill-banda l-ohra, illi ghal-oggetti kollha imsemmija mir-rikorrent illi huwa ppretenda illi jigu lilu ritornati jew inkella jithallsulu lura, r-rikorrent ma ressaq ebda tip ta' prova dokumentarja dwar valur, w il-Qorti ma tista tistrieh fuq valur approssimattiv, bhalma indika fil-kaz tal-BBQ meta qal li jiswa "*bejn wiehed u iehor mitjen u hamsin Euro*".

Ghalhekk, il-Qorti, la darba l-intimata fl-ebda mument ma oggezzjonat ghall-asserzjoni li t-threadmill ghadu ghandha, liema threadmill ir-rikorrent jghid illi hallas ghalih u l-intimata ma oggezzjonatx ghal dan wkoll, il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex l-intimata ma ghandhiex thallas ghall apparat illi huwa propjeta tar-rikorrenti u li ma giex lilu ritornat meta temmet ir-relazzjoni taghha minn mieghu.

## Konkluzjoni

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotti quddiemha,

Wara illi rat is-sottomissjonijiet bil-miktub tal-abbli difensuri tal-partijiet,

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tilqa** l-eccezzjonijiet ta' l-intimata limitatament ghal dak illi ghandu x'jaqsam mal-valur tal-Mercedes MAI948 kif ukoll tal-kelb u tal-oggetti kollha imsemmija mir-rikorrent ghajr ghat-threadmill,

**Tichad** l-eccezzjonijiet ta' l-intimata ghal dak illi ghandu x'jaqsam mar-ritorn u/jew hlas tat-threadmill propjeta tar-rikorrenti u fil-pussess ta' l-intimata,

**Tilqa** t-talbiet attrici limitatament ghal dak illi jirrigwarda ir-ritorn u/jew hlas tat-threadmill filwaqt illi tichad t-talbiet attrici ghall-kumplament tat-talbiet tar-rikorrenti u, wara illi kkunsidrat illi tali threadmill ilu fil-pussess ta' l-intimata ghal madwar tlett snin,

**Tikkundanna** lill-intimata thallas lir-rikorrent is-somma ta' **elf tlett mija u disgha u disghin Euro (€1,399)** rappresentanti l-valur ta' l-istess threadmill kif ikkonfermat mir-rikorrent.

In vista tan-natura tal-kaz, kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha, filwaqt illi l-imghax jibda ghaddej skond il-ligi mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur